5 ta' April, 1954.

Imħallfin :-
Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
L-Onor Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Emmanuele Borg** *versus* **Arturo Mirasole.**

**Ċessjoni ta' Kawża — Spejjeż Ġudizzjarji — Riżerva — Dokumenti — Danni — Art. 909 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-attur jista' jirrinunzja għall-attijiet tal-kawża, u jċediha, f'kull waqt tal-kawża sas-sentenza definittiva; u sakemm dik ir-rinunzja tkun pura u sempliċi, il-konvenut ma jistax ma jaċċettahiex; salv l-obbligu tar-rinunzjant li jħallas l-ispejjeż.*

*Ir-riżervi apposti fin-nota tar-rinunzja ma jirrendux ir-rinunzja kondizzjonata, u kwindi ma jagħtux lill-konvenut id-dritt li ma jaċċettax ir-rinunzja b'dawk ir-riżervi.*

*L-ispejjeż li l-attur rinunzjant huwa obbligat iħallas huma dawk li jirriżultaw mill-istess kawża, fosthom id-dokumenti li jkunu ġew eżibiti; u ma jidħlux f'dawn l-ispejjeż dawk id-dokumenti li l-konvenut ikun ġabar u lesta sabiex jeżibihom fil-kawża u li ma jkunx laħaq eżibixxa qabel ġiet ċeduta l-kawża. Għaldaqstant huwa ma jistax jitlob il-ħlas ta' l-ispejjeż li għamel biex ġabar dawk id-dokumenti bħala spejjeż tal-kawża.*

*Il-konvenut jista' talvolta jitlob il-ħlas ta' dawk l-ispejjeż bħala danni f'kawża oħra, imma ma jistax jitlobhom, lanqas bħala danni, fil-kawża li tkun ikun għamel biex jitlobhom bħala spejjeż tal-kawża ċeduta.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, espona illi b'ċitazzjoni preżentata quddiem din il-Qorti numru 636, tas-sena 1949, fl-ismijiet "Arturo Mirasole vs. Emmanuele Borg", il-konvenut kien ipproċeda quddiem din il-Qorti kontra l-attur (dok. A); u illi l-attur, għall-finijiet ta' dik il-kawża, ordna u pprepara 133 dokument, konsistenti f'kopji legali tal-Qorti (dokti. 1 sal-133), liema doku-

menti swew lill-attur £13. 11. 4; u illi l-imsemmijin dokumenti ġew preżentati bir-rikors ta' l-attur tal-5 ta' Novembru 1951 (dok. 134); u illi, mingħajr ma ġie avżat l-attur, il-konvenut fil-31 ta' Ottubru 1951 ippreżenta fir-Reġistru ta' din il-Qorti nota ta' ċessjoni tal-kawża, li mbgħad ġiet ċeduta fis-seduta tal-14 ta' Novembru 1951 (dok. B); u illi l-attur, meta ppreżenta l-istess dokumenti, u ferm anqas meta ordna u ħallashom, ma kienx jaf illi l-kawża kienet sejra tiġi ċeduta; u li dawk id-dokumenti kienu kollha intiżi għal dik l-istess kawża; u illi l-konvenut ħallas lill-avukat ta' l-attur l-ispejjeż tal-kawża ċeduta, barra, però, mill-ispejjeż tad-dokumenti indikati nri. 1 sal-133 u mill-ispejjeż ta' dan ir-rikors ammontanti għal 19s. 8d. (dok. C u D); talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £14. 11 0, spejjeż tad-dokumenti fuq indikati u tar-rikors fuq indikat, skond il-prospett dok. "X" anness — liema spejjeż huma dovuti lill-attur mill-konvenut bħala spejjeż li saru fil-kawża ċeduta minn dana fl-14 ta' Novembru 1951. Bl-imgħax legali mid-data ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Diċembru 1951, u bl-ispejjeż għall-konvenut, imħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Jannar 1954, li biha laqgħet l-eċċezzjoni li l-kawża tinsab proposta ħażin, u konsegwentement illiberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-attur; billi kkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni li l-kawża tinsab istitwita ħażin;

Illi, skond l-art. 909 tal-Proċedura Ċivili, "kull waħda mill-partijiet tista', b'nota firmata minnha jew mill-avukat tagħha, f'kull waqt tal-kawża sas-sentenza definitiva, tirrinunzja għall-attijiet li hija tkun ippreżentat"; b'dan li, jekk ir-rinunzja ma tkunx pura u sempliċi, il-parti l-oħra tista' ma taċċettahiex, u tista' titlob li l-kawża tiġi mismugħa u deċiża (art. 911 Kod. ċit.). Il-parti rinunzjanti, mbgħad, għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża (art. 910 (2) Kod. ċit.);

Illi minn dawn id-dispożizzjonijiet jidher li dik ir-rinunzja, sakemm hija pura u sempliċi, tiddependi unikament mill-volontà ta' l-attur, u l-konvenut ma jistax ma jaċċettahiex, salv dejjem l-obligu tar-rinunzjanti li jħallas l-ispejjeż. Dina

r-regola hija evidentement bażata fuq il-motiv li, kif kien jiddependi mill-attur jagħmelx il-kawża jew le, hekk ukoll minnu jiddependi jkomplijhiex jew iċediha fi kwalunkwe żmien qabel is-sentenza definitiva (ara, f'dan is-sens, Kollez. XVIII—III—100;);

Illi hu ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li r-riżervi ta' drittijiet, skond il-liġi, apposti fin-nota tar-rinunzja, ma jirrendux ir-rinunzja kondizzjonata, u kwindi ma jagħtux lill-konvenut id-dritt li ma jaċċettahiex (Kollez. IV, 32; VII, 428; VIII, 161; u XXVIII—III—737);

Illi, permessi dawn il-konsiderazzjonijiet, il-fatti li taw lok għal din il-kawża huma, fil-qosor, dawn. Il-konvenut Arturo Mirasole kien għamel kawża lill-attur Emmanuele Borg u fiha kien ġie nominat perit ġudizzjarju. Peress li Mirasole ma kienx fil-każ li jagħmel id-depożitu preventiv tal-kompetenzi tal-perit skond l-ordni tal-Qorti, hu, b'nota tal-31 ta' Ottubru 1951, irrinunzja għall-atti ta' dik il-kawża biex jiddiriġi ruħu aħjar. Milli jidher, Borg kien ġabar xi dokumenti biex jikkontesta l-meritu tal-kawża, iżda ma laħaqx eżibihom. Għalhekk, b'rikors tal-5 ta' Novembru 1951, talab li jiġi awtorizzat jeżibixxi f'dik il-kawża d-dokumenti fuq imsemmija; iżda l-Qorti, b'digriet mogħti fl-istess ġurnata, irrespinġiet it-talba, għar-raġuni li l-kawża kienet ġa ċeduta u ma kienx hemm lok ta' dik l-eżibizzjoni. Konsegwentement, l-ispejjeż relativi għal dawk id-dokumenti ma setgħux jiġu nklużi fit-taxxa rilaxxjata lil Borg, li l-lum qiegħed jitlob minn Mirasole l-ħlas ta' dawk l-ispejjeż, kif ukoll ta' dawk relativi għar-rikors fuq imsemmi. Fl-istess ħin hu jammetti li Mirasole ħallas l-ispejjeż l-oħra riżultanti mit-taxxa;

Illi l-lokuzzjoni ta' l-art. 910 (2) fuq ċitat hija ċara, u jingħad univokament li l-parti rinunzjanti obligata tħallas "l-ispejjeż tal-kawża" (fit-test Ingliż "the costs of the proceedings", u skond l-art. 926 ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-lum revokat, "le spese del giudizio"). Issa, ma hemmx dubju li l-ispejjeż tal-kawża huma dawk li jirriżultaw mill-istess kawża; tant hu hekk li dawn biss huma l-ispejjeż li r-Reġistratur obligat jirriporta fit-taxxa, fosthom dawk taddokumenti biss li jkunu ġew eżibiti (Kollez. XI, 208):

Illi minn dan tinżel il-konsegwenza li, ladarba l-ispejjeż in kwistjoni ma jirriżultawx mill-kawża, ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala spejjeż tal-kawża kif qiegħed jikkwalifikahom l-attur fiċ-ċitazzjoni; u ma jistax l-attur jitlob il-ħlas tagħhom bħala spejjeż — salva l-kwistjoni jekk għandux dritt jitlobhom bħala danni;

Illi ma jiswiex dak li sottometta l-attur fid-dibattitu orali, li l-ispejjeż minnu mitluba huma ekwivalenti għad-danni. Difatti, kieku kien hemm din l-ekwivalenza, it-tezi ta' l-attur kienet tkun wisq faċili, billi l-konvenut kien ikun tenut li jħallashom in forza tar-rinunzja li għamel — ħaġa din li mhijiex aċċettabili, għaliex dawk l-ispejjeż ma jirriżultawx mill-kawża ċeduta, u lanqas ġew ammessi mill-Qorti. Jekk, imbgħad, dawk l-ispejjeż huma ripetibili bħala danni, trid issir l-indaġini dwar il-kawża jew motiv ta' l-istess danni, kif ukoll jekk dawk id-dokumenti kienux rilevanti għall-kawża— indaġini li ċertament ma tistax issir fil-kawża kif tinsab il-lum proposta;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma hemmx lok għall-prova testimonjali offerta mill-attur;

Rat fol. 239 in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u fol. 240 il-petizzjoni tiegħu, li fiha talab ir-revoka tas-sentenza appellata' u li tiġi akkolta t-talba tiegħu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti huma kontenuti fil-parti espożitiva tas-sentenza appellata;

Il-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti li, ġaladarba d-dokumenti in kwistjoni ma ġewx eżibiti fil-kawża (għax it-talba għall-eżibizzjoni tagħhom kienet ġiet respinta minħabba li, meta saret, il-kawża kienet ġa ġiet ċeduta), għalhekk l-ispejjeż tagħhom ma jistgħux jitqiesu fost dak "l-ispejjeż tal-kawża" li b'liġi hija obligata tħallas il-parti rinunzjanti, hi korretta. Kif osservat sewwa l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha "Mangion vs. Camilleri", 2 ta' Diċembru, 1886, Vol. XI. p. 208, "il registratore riporta nella tassa, secondo l'uso inveterato di queste Corti, le spese che risultano dai documenti esibiti...... ......";

L-attur ippretenda fil-prima istanza, u quddiem din il-Qorti, li t-talba tiegħu tista' titqies ekwivalenti għal talba għal danni, b'mod li, jekk is-somma mitluba ma hijiex dovuta bħala rifużjoni ta' spejjeż, tkun dovuta in linea ta' danni. Issa, hu veru li ġie ritenut illi "se un attore non esprime in termini bastantemente chiari e precisi il diritto, ossia l'azione che esperisce, egli potrebbe usare un'equipollenza giuridica nelle parole, e tale da importare un'equivalenza logica............" (Kollez. Vol. X, p. 2; Kumm. "Xvereb utrinque" 29 ta' Novembru, 1884); iżda d-domanda, kif formulata, hi wisq esplicita biex jista' jkun hemm din l-ekwivalenza "per equipollens"; għax mhux biss l-attur talab il-ħlas tas-somma bħala "spejjeż tad-dokumenti fuq indikati", imma żied igħid "liema spejjeż huma dovuti lill-attur bħala spejjeż li saru fil-kawża ċeduta". Barra minn dan, mentri l-ħlas tas-somma bħala spejjeż hija sempliċi applikazzjoni tad-dispost ta' l-art. 910 (2) Kap. 15, il-ħlas tas-somma bħala danni jimporta kwistjonijiet totalment diversi;

Ikkunsidrat;

L-attur invoka favur tiegħu s-sentenza "Cachia vs. Micallef", Appell 6 ta' April 1934, Vol. XXVIII—I—571. Iżda din ma tgħoddx għall-każ, għax għad-differenza taċ-ċitazzjoni odjerna, f'dik iċ-ċitazzjoni ingħad espressament "dovendo le dette spese essere anche considerate come parte dei danni sofferti dall'attore e risarcibili dal citato", u fid-domanda ntqal "per le dette cause e per tutt'altre da risultare";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.